MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. MICALLEF TRIGONA ANTONIO LL.D., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 103/1998/1

Carmel Scicluna

vs

Noel Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi li talbu lill-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-17 ta' Settembru 1997 fil-limiti tal-Mellieha waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni 0-8242, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru IAP 501 proprjeta ta' l-attur u li dak il-hin kienet qed tinstaq minnu;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' disa' mija u disghin lira maltin (Lm990) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz;

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra legali tas-16 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzoni tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Grech li eccepixxa:

1. li l-ewwel talba attrici hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli l-istess attur in vista ta' imperizija, l-imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. li jsegwi li t-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti;

3. li t-tielet talba ghandha ghalhekk ukoll tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li ghalihom ghandu jigi kkundannat li jhallas.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezaminat ix-xhieda;

Ezaminat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li titratta kollizjoni li grat fil-quccata tat-telgha li mill-Ghadira twassal ghal-Marfa. Sehhet precisament fit-'T-Junction' li hemm kif tispicca t-telgha.

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu numru IAP 501 tul din it-telgha u kif wasal fil-quccata taghha immanuvra biex jidhol fit-triq tat'T-Junction' li taghti ghall-Armier. Il-konvenut kien wkoll tiela l-istess telgha wara l-attur u kif l-attur immanuvra biex jidhol fit-triq fuq imsemmija sehhet il-kollizjoni. Hu fatt li l-manuvra tal-attur kienet timporta li hu jaqsam il-linja tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta ghal tieghu, cioe, mid-direzzjoni tal-Marfa.

Ezatt wara l-kollizjoni s-sewwieqa taw din il-versjoni tal-fatti:

- l-attur stqarr li kien qieghed isuq fi triq il-Marfa; xeghel l-'indicator' biex idur ghat-triq l-Armier; ma rax vetturi warajh u beda jikser; f'daqqa wahda gie milqut mill-vettura O-8242 li kienet qed tigi misjuqa fl-istess direzzjoni;

- il-konvenut qal li kien qed isuq fi Triq il-Marfa lejn ic-Cirkewwa; f'daqqa wahda l-vettura li kienet quddiemu xeghlet l-'indicator' biex iddur lejn il-lemin; hu pprova jevita li jahbat izda kien kollu ghalxejn.

Fix-xhieda li offra fil-kawza l-attur zied li zamm fuq il-karregjata ta' barra biswit iz-zewg linji bojod li jiddemarkaw il-linja medjana tat-triq u li ndika li kien ser jdur fuq il-lemin xi mitejn metru qabel. Iddeskriva l-incident f'aktar dettal u qal:
"Rajt li ma kien gej hadd warajja u ksirt ghal got-triq ta' l-Armier. Fis-siegha u l-hin inhoss daqqa fuq in-naha tal-genb tal-lemin ta' wara tal-karozza tieghi…laqatni fuq il-bieba ta' wara tan-naha tas-sewwieq u baqa' jitkaxxkar mal-bieba tieghi…u b'dan il-mod qabez is-sinjali kontinwi. Nispjega illi ezattament qabel id-daqqa jiena kont diga' qieghed angolat ghal got-triq tal-Armier, bejn wiehed u iehor f'angolu ta' hamsa u erbghin grad. Dwar velocita tieghi nispjega illi jiena kont qieghed insuq bil-mod peress

illi kienet ix-xita u peress illi ridt nikser fuq il-lemin tieghi. Qabel ma naghmel dan ridt bil-fors nassigura ruhi illi ma kien gej hadd mill-faccata".

Da parti tieghu l-konvenut li xehed viva voce iddeskriva l-incident b'dan il-mod:

" …kont qieghed insuq il-vettura tieghi mill-Mellieha u kont sejjer fid-direzzjoni tac-Cirkewwa, jigifieri kont gej lejn Ghawdex. Meta jiena qbizt il-bajja tal-Mellieha bdejt it-telgha u x'hin wasalt hdejn in-nicca tat-telgha fuq il-lane ta' barra jiena kont qieghed naqbez karozza li kienet fuq gewwa. Fid-daqqa u l-hin din il-vettura li kienet fuq il-lane ta' gewwa daret fuqi u per konsegwenza dahlet go fiha…Gejt milqut fuq in-naha ta' quddiem in-naha tax-xellug. Fl-ebda stadju ma rajt lill-vettura l-ohra tixghel l-indicator taghha. Il-vettura l-ohra habtet mieghi bil-parti ta' quddiem tal-lemin taghha. Rigward velocita jiena nikkalkolha li kelli bejn 25/30, 35/40 kfs".

Illi l-iskizz, li gie ikkonfermat mill-pulizija li investiga l-kollizjoni, hu esebit folio 14. Juri z-zewg vetturi kif habtu u l-vettura tal-konvenut oltre l-linja doppja medjana tat-triq.

Illi fuq il-fatti u l-provi din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni ferm differenti minn dik li wasal ghaliha l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu. Ikkonkludiet li mill-iskizz huwa wisq car li l-attur kien qieghed fuq il-karregjata ta' barra u li indipendentement mill-preavviz, li l-Qorti sodisfatta li inghata mill-attur, forsi mhux f'distanza ta' mitejn metru kif sostna, l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra azzardata u skonsiderata tal-konvenut li ittenta jissorpassa proprju f'dak il-punt. Il-fatt li l-attur waqaf qabel ma qasam ghat-triq l-Armier jew ukoll li ma ra ebda karozza warajh qabel ma beda l-manuvra huma fatturi ftit jew xejn rilevanti ghaliex tghid x'tghid kien invarjabilment l-obbligu tal-konvenut li jastjeni milli jaghmel manuvra ta' surpass, li hu stess ammetta, li pprova jaghmel. Ghandu ragun l-attur fil-waqt li jsostni li l-konvenut kellu spazju aktar minn bizzejjed biex jibqa' sejjer fi triqtu fuq ix-xellug tieghu.

Dwar spejjez l-attur esebixxa u pproduca ricevuti li fit-total taghhom jiggustifikaw is-somma minnu mitluba fl-avviz ta' dia' mija u disghin lira Maltin (Lm990). L-ebda kontestazzjoni ma tirrizulta dwar l-istess spejjez da parti tal-konvenut.

Ghaldaqstant u a bazi tal fuq espost il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi ssib l-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni u kwindi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u disghin lira Maltin (Lm990) danni sofferti mill-istess attur kawza l-kollizjoni meritu tal-kawza.

L-ispejjez ghandhom wkoll jigu sopportati mill-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur